# Postijiet għat-tfal fl-Ewwel Sena Kindergarten tal-Knisja

F'Novembru 2021 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2022-2023. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-ewwel sena kindergarten.

## L-Ewwel Sena Kindergarten Subien

Irċevejna erbgħa (4) applikazzjonijiet mainstream tal-impjegati u tnejn u ħamsin (52) applikazzjoni tal-aħwa.

Fost l-applikanti għandna 5 subien li applikaw għal St Francis B'Kara, 14-il tifel li applikaw għal St Francis Msida, tifel applika għal St Francis San Ġwann u 13 –il tifel li applikaw għal St Francis Santa Luċija. It-total ta' postijiet vakanti għas-subien li għandna l-iMsida huwa ta' ħamsa (5). Għalhekk m'għandniex post għal 9 applikanti minnhom. It-total ta' postijiet vakanti għas-subien li għandna Santa Luċija huwa ta' sitta (6). Għalhekk m'għandix post għal 7 applikanti minnhom. Ser jiġu offruti lil dawn il-postijiet tas-subien li jibqa' f'St Francis B'Kara u St Francis San Ġwann u dawk il-postijiet li jibqa' tal-bniet f'xi kinder ta' St Francis. L-Għażla ta' skola tal-applikanti li m'għandnix post għalihom fl-iskola ta' ħuthom issir skont ir-Regolamenti u tinkludi polza bejn xi uħud minnhom. Fil-ġimgħat li ġejjin ser niktbu lil dawn l-applikanti u ninfurmawhom bid-dettalji kollha.

Irċevejna ħames applikazzjonijiet tal-aħwa tas-subien bħala Każijiet Serji bis-sapport. Sabiex dawn l-applikanti jiġu kollha aċċettati fl-iskola ta' ħuthom ser innaqqsu post tas-sapport minn tal-bniet u ser nagħtuh lis-subien.

## L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet

Irċevejna 6 applikazzjonijiet mainstream tal-impjegati u ħamsa u tletin (35) applikazzjoni tal-aħwa li jġibu total ta' 41 applikazzjoni.

Fost l-applikanti għandna 10t ibniet li applikaw għal St Francis St Luċija. It-total ta' postijiet vakanti għal-bniet li għandna Santa Luċija huwa 5 għalhekk m'għandnix post għal 5 minn dawn l-applikanti. Dawn ser jiġu offruti postijiet f'St Francis B'Kara u St Francis San Ġwann. L-Għażla ta' skola ta' dawn l-applikanti ssir skont ir-Regolamenti u tinkludi polza. Fil-ġimgħat li ġejjin ser niktbu lil dawn l-applikanti u ninfurmawhom bid-dettalji kollha.

Ma rċevejna l-edba applikazzjoni għal-bniet bis-sapport. Il-postijiet bis-sapport ta' St Francis ser jiġu offruti lil aħwa ta' St Francis li m'għandnix post għalihom fl-iskola ta' ħuthom.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

Indirizz Postali
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

Tel. +356 25906306 / 25906309
Email. admissions@maltadiocese.org
www.knisja.mt

**Konklużjoni**

Se jintlaqgħu applikazzjonijiet : mainstream, bis-sapport, Każijiet Soċjali u Każijiet tal-Ażil.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul u jkollhom ħuthom li qed japplikaw għall-ewwel sena kindergarten. Jekk xi wħud minn dawn l-aħwa jirreġistraw fi skola, iż-żgħar jkunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom jekk ikun hemm post. Dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Aktar informazzjoni tinsab fl-istqarrija għall-istampa u fir-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt fil-ġimgħat li ġejjin.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2022**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisa.mt**